

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Azur Space Solar Power GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 38, 1.2.2016

---

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tad-29. Novembru 2016 – Chic Investments vs EUIPO (eSMOKING WORLD)**

(Kawża T-617/15) <sup>(1)</sup>

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva eSMOKING WORLD — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karatru deskrittiv — Assenza ta’ karatru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Obbligu ta’ motivazzjoni”]

(2017/C 022/38)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Partijiet**

Rikorrenti: Chic Investments sp. z o.o. (Poznań, il-Polonja) (rappreżentant: K. Jarosiński, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-25 ta' Ġunju 2015 (R 3227/2014-5), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv eSMOKING WORLD bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Chic Investments sp. z o.o. hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 16, 18.1.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tas-6 ta' Diċembru 2016 – Tuum vs EUIPO – Thun (TUUM)**

(Kawża T-635/15) <sup>(1)</sup>

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva TUUM — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti THUN — Raġuni relativa għal rifjut — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2017/C 022/39)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Tuum Srl (San Giustino, l-Italja) (rappreżentant: B. Saguatti, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Thun SpA (Bolzano, l-Italja) (rappreżentanti: L. Sergi u G. Muscas, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-3 ta' Settembru 2015 (Każ R 2624/2014-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Thun u Tuum.

### Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-3 ta' Settembru 2015 (Każ R 2624/2014-1) hija annullata.
- 2) L-oppożizzjoni hija miċħuda.
- 3) L-EUIPO għandu jbatis l-ispejjeż tiegħi kif ukoll nofs l-ispejjeż ta' Tuum Srl, kemm quddiem il-Qorti Ġeneral u kemm quddiem il-Bord tal-Appell.
- 4) Thun SpA għandha tħalli l-ispejjeż tagħhom kif ukoll nofs l-ispejjeż ta' Tuum, kemm quddiem il-Qorti Ġeneral u kemm quddiem il-Bord tal-Appell.

<sup>(1)</sup> ĠU C 16, 18.1.2016

---

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral tas-6 ta' Diċembru 2016 – Groupe Go Sport vs EUIPO – Design Go (GO SPORT)

(Kawża T-703/15) <sup>(1)</sup>

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea GO SPORT — Trade marks verbali nazzjonali preċedenti GO — Rifjut parżjali ta' reġistrazzjoni mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni — Tardivitā tal-preżentata tan-nota li tesponi l-motivi tar-rikors — Inammissibbiltar tar-rikors ippreżentat quddiem il-Bord tal-Appell — Artikolu 60 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Regola 49(1) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95”]

(2017/C 022/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Groupe Go Sport (Sassenage, Franza) (rappreżentanti: G. Arbant u E. Henry-Mayer, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Design Go Ltd (Londra, ir-Renju Unit)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-22 ta' Settembru 2015 (Każ R 569/2015-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Design Go u Groupe Go Sport.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.